MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Numru 666/2012

Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca
Spettur Priscilla Caruana)

vs

Joseph Callus

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 300460M, akkuzat talli nhar il-25 ta' Gunju 2012 gewwa B'Bugia ghal habta tas-1:30 a.m. volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioè ghamel hsara ta' 998 Ewro fuq CCTV camera ghad-dannu ta' Pierre Cutajar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat 'seduta stante' jammetti l-akkuza, fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu ssibu hati.

Rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9.

Tiddeciedi li ghal din id-darba tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------